MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1476/2010

**Go p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Christopher Joseph Magro**
**(I.D.87006L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u disgha u ghoxrin Ewro (€429) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici n konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni li jgib in-numru *21384034 (AC40072649)* skond diversi kontijiet mibghuta lilhu, u skond id-dokumenti annessi;
IZY 1 – Prospett ghas-servizz bl-akkont numru AC 40072649.
IZY 2 – Ftehim dwar is-servizz telefoniku 21384034.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbgha mija u disgha u ghoxrin Ewro (€429), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------